


# Il-Vallettan: li dejjem żamm newtrali, qabeż għall-iżvantaġġjati

## ... qatt ma rritorna lejn art twelidu

Il-Vallettan mhux magħruf. Qed ngħidu dan għax ċerti li l-maġġoranza tal-Maltin ma jafux bih, għalkemm hu magħruf madwar id-dinja kollha. Forsi ħafna Maltin semgħu b'ismu imma daqshekk. Dan hu l-Vallettan li dar id-dinja. Jidħol fi stejjer ta' kunflitti u dejjem żamm newtrali. Regolarment isemmi lil Malta. Imwieled fi Triq id-Dejqa, jew kif kienet magħrufa, Strada Stretta. Jitlaq minn Malta ta' 13-il sena. Dejjem jaqbeż għall-iżvantaġġjati. Il-Vallettan li qatt ma rritorna lejn art twelidu. Id-darba li kien ġej, tfeġġ marda u jingħalqu l-portijiet. L-ewwel Vallettan u l-ewwel Malti li spiċċa fid-dinja tal-komiks.

Dan il-Vallettan mhu ħadd ħlief **CORTO MALTESE** - karattru tal-komiks maħluq mit-Taljan Hugo Pratt. Corto Maltese huma sensiela ta' komiks avventurużi msemmijin għall-karattru ta' Corto Maltese, baħri avventuruż. Karattru li nħoloq minn Pratt fis-sena 1967. Il-komiks saru magħrufin mal-erbat irjieħ tad-dinja għall-mod kif inhuma miktubin u nqalbu f'diversi lingwi. L-istejjer ta' dawn il-komiks kienu wkoll adattati għal diversi films.

Imma għaliex il-karattru ta' Corto ġie mwieled f'Malta mill-awtur? Mistoqsija li forsi ma tidħollokx f'rasek imma meta ssegwi l-istejjer u tara kif lil Malta jdaħħalha spiss, ma tistax ma tistaqsihiex. It-tweġiba tagħha qiegħda fil-ħajja ta' Hugo Pratt. Hu għandu għeruq multietniċi, fejn nannuh min-naħa ta' missieru kien Ingliż waqt li nannuh min-naħa ta' ommu kien Lhudi b'għeruq Torok.

Missieru kien suldat mal-militar Taljan u kien ġie stazzjonat f'dik li kienet l-Abissinja, parti mill-Etjopja tal-lum. Kien hawn li Pratt sar konoxxenti tal-Afrika. Ta' kważi 15-il sena Pratt kien diġà jaħdem mal-Pulizija kolonjali, fejn dan ma kellux Taljani biss imma persuni mill-Abissinja, Ingliżi u anke Franċiżi.

Mat-telfa tat-Taljani fil-gwerra, missieru kien safa arrestat u miet f'kamp tal-konċentrament. Hugo jerġa' jirritorna lejn Venezja. Beda jsemmi l-ħsieb tiegħu li jibda' jagħmel il-komiks. Kien hawn li ddeċieda li jdur id-dinja. Għamel dan billi daħal mal-qawwa navali. Fil-fatt hu kien spiċċa biex ġie anke Malta. Minn Malta mar fin-Nofsinhar tal-Amerika u spiċċa l-Arġentina fejn mar hemm fuq stedina li saritlu. Hemmhekk kellu kuntatti ma' diversi artisti tal-komiks bħal Alberto Breccia. Fl-1967, Pratt iltaqa' ma' Florenzo Ivaldi, u huma ħolqu magażin tal-komiks bl-isem "Il Segente Kirk." Fl-ewwel ħarġa Pratt jippubblika l-istorja "Una ballata del mare salato," fejn hawn jintroduċi l-karattru Corto Maltese.

### Il-karattru ta' Corto Maltese ... qatt ma ried ikun eroj

Il-karattru ta' Corto Maltese twieled fi Triq id-Dejqa fl-10 ta' Lulju 1887. Kien it-tifel ta' baħri Ingliż u prostituta minn Andalusia. Ta' 13-il sena Corto jmur fi Spanja u jibda jgħix fil-kwartier Lhudi ta' Cordoba. Jiddeċiedi li jagħmel id-destin tiegħu hu stess.

Sab mus u qata' jdejh u rħielha fuq il-ħalel, iwettaq avventura wara l-oħra. Kien protagonist imma qatt ma ried ikun eroj. Spiċċa tant jinteressah minn ħaddieħor li spiċċa dejjem involut. F'kull vjaġġ li għamel hu kien dejjem isemmi lil Malta. Pereżempju meta kien qiegħed it-Turkija u faqqa' l-ġenocidju bejn it-Torok u l-Armeni, hu kien spiċċa qalilhom li hu minn Malta biex juri li hu newtrali.

Interessanti hu l-fatt li Corto Maltese, fl-avventuri tiegħu jiltaqa' ma' diversi nies li għexu tassew. Fost dawn hemm il-kittieb Ingliż Jack London, il-poeta Taljana Gabriele D'Annunzio, Ernest Hmingway, Hermann Hesse - poeta Ġermaniż, Butch Cassidy, li kien ħalliel tal-banek u ferroviji, u Enver Pasha - uffiċjal militari u mexxej tar-rivoluzzjoni fit-Turkija fis-sena 1908. Il-karattru jiltaqa' ukoll fl-avventuri tiegħu ma' Churchill, Stalin u Rasputin.

## L-avventuri tiegħu saħħru lin-nies madwar id-dinja

L-avventuri tiegħu saħħru n-nies madwar id-dinja. Fl-avventuri tiegħu tispikka ħaġa waħda, dik li f'kull kunflitt li jkun sab ruħu fih hu dejjem jaqbeż għall-iżvantaġġjat jew għal dawk li jkunu taħt oppressjoni. Tista' tgħid li l-avventuri tiegħu maqsumin fi tliet partijiet. L-ewwel parti hija avventuri, it-tieni parti jidħol sew l-element politiku, fejn hu beda jħares lejn l-era kolonjali waqt li fl-Italja ppruvaw inessu dan. Fit-tielet parti, sar filosofiku, bit-tiftix għal teżor li ma jinstab qatt.

## Issir opra... imma jonqos li dawn l-avventuri narawhom ukoll fil-lingwa Maltija

Ma setax jonqos u kien pass tajjeb, li fl-okkażjoni ta' Valletta 18 issir opra dwar l-ewwel avventuri ta' Corto Maltese. Minkejja dan jonqos ħafna xi jsir biex il-pubbliku inġenerali jsir jaf b'dan il-karattru. Min jaf forsi xi darba għad naraw ukoll dawn l-avventuri maqlubin għal-lingwa Maltija.




